bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Jason Agius)
vs
Charles Agius, iben Carmelo,
imwieled Pieta' fl-1 ta' awissu,
1962

Illum, 10 ta' lulju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –

1. talli fl-1 ta' marzu, 2002 għal ħabta tas-7.15 a.m. ġewwa l-airport intenazzjonali ta' Malta, Gudja inġurja jew hedded jew għamel offiżi fuq il-persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe' lill-PS954 Paul Mangion, PC925 Joe Tanti u PC876 Emanuel Axiaq, waqt li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħa jew li jinflwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe' lill-PS954 Paul Mangion, PC925 Joe Tanti u PC876 Emanuel Axiaq, waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita kompetenti;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' diversi ħsarat fil-proprjeta' li tappartjeni lil Malta International Airport, liema ammont tal-ħsara ma jiskorriex il-ħames mitt liri maltin (Lm500), imma iżjed minn ħamsin liri maltin (Lm50) għad-dannu tal-Malta International Airport;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ħebb għal PS954 Paul Mangion u PC925 Joe Tanti u ikkaġunalhom feriti ta' natura ħafifa skond kif iċċertifika Dr. Lawrence Ellul M.D.;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun xafra u bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr il-liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;
6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ma obdiex l-ordni leġittimi ta' l-awtorita jew ta' persuni li jkunu nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fiexkel waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom u cioe' lill-PS954 Paul Mangion, PC925 Joe Tanti u PC876 Emanuel Axiaq;
7. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament kiser il-paċi pubblika u il-bon ordni b'għajjat u bil-ġlied;

8. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indeċenti jew qal kliem li jikkonsisti f'dagħa;
9. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ħebb kontra Francis Cini sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;
10. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi saq vettura Taxi numru 141, tal-għamla Mercedes, bin-numru tar-reġistrazzjoni KTY 141, meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi u irrifjuta jew naqas milli jagħti skond il-liġi kampjun tan-nifs meta kien mitlub bil-pulizija;
11. talli fl-1 ta' marzu, 2002 għal ħabta tas-6.00 a.m. ġewwa l-airport internazzjonali ta' Malta, Gudja volontarjament kiser il-paċi pubblika u il-bon ordni b'għajjat u bil-ġlied;
12. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indeċenti jew qal kliem li jikkonsisti f'dagħa;
13. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi nsulenta bi kliem lil Joseph Camilleri;
14. talli fl-1 ta' marzu, 2002 għal ħabta tas-7.15 a.m. ġewwa l-airport internazzjonali ta' Malta, Gudja saq vettura Taxi numru 141, ta' l-għamla Mercedes, bin-numru tar-reġistrazzjoni KTY 141, bil-liċenzja tas-sewqan mhux imġedda għas-sena kurrenti.

Il-Qorti ġiet mitluba li tiġi maqbuda u kkonfiskata l-arma, cioe' il-mus.
Il-Qorti ġiet mitluba li jiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu skond il-liġi.
Il-Qorti ġiet mitluba li tipprovdi għas-sigurta' ta' PS954 Paul Mangion, PC925 Joe Tanti, PC876 Emanuel Axiaq u Francis Cini.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-31 ta' mejju, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
(a) fl-artikoli 95, 96, 325 u 221 tal-Kodiċi Kriminali
(b) fl-artikoli 13(1) u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta
(c) fl-artikoli 338(bb)(dd)(ee), 342 u 339(d) tal-Kodiċi Kriminali
(d) fl-artikolu 15(1)(a) u 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta
(e) fl-artikolu 53 ta' A.L. 128 ta' l-1994

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' dawn il-ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' ġunju, 2002 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' lulju, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat

l-artikoli 95, 96, 325(b), 338(bb)(dd)(ee), 339(d), 342 u 221 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(a) u 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 13(1) u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 53 ta' A.L. 128 ta' l-1994 u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt liri maltin (Lm500). Fiċ-ċirkostanżi tal-każ mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta' l-imputat.